żika tas-Surmast Carmelo Pace. L-għanja popolari tal-Milied "Ninni, la Tibkix Iżjed" wasslet it-tmiem tal-programm li għalaq bl-Innu Malti u l-kliem li ħallielna l-Poeta Nazzjonali, mafkar ħaj ta' ħidma u għożża.

Il-produzzjoni tal-Lejla Mużiko-Letterarja kienet f'idejn Dr. V.M. Pellegrini LL.D. li flimkien ma' Dr. W. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., M.A., D.P.A. u sur Victor Apap ġew maħtura mill-Kunsill biex ifakkru egħluq il-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Akkademja fit-Teatru Manoel.

Għenu wkoll għas-suċċess tal-'Lejla' il-qarrejja li ħadu sehem, fosthom: Patri H. Born, Patri V. Barbara, Karmen Azzopardi, Charles Coleiro, George Stevens, Peter Caruana u Maria Pisani. It-Tijatru kien mimli bi spettaturi mill-aqwa u mill-aħjar fosthom l-Onorevoli Ministru Buttigieg u l-Isqfijiet Gerada u Galea.

---

# TIFKIRIET BISS!

**Ta' Wallace Ph. Gulia**

Prezzjużi l-mumenti tal-ħajja jaħarbu
bħal riħ li jonfoħ u jingħi tul lejl;
u jgħaddu u jħallu l-blanzuni mtertqin.
Fil-għors ta' kull siegħa trid tgħid "X'waħdadin!"
O! kemm sar ħin!"

Tifkira biss tibqa'
kif tibqa' fuq palk ballerina
waħidha, waħidha,
b'ilbiesha sabiħ jixxejjer
mal-mewġa tal-ġisem mistrieħ jew qalil;
x'ħin jgħaddu l-oħrajn
li magħha jiżfnulek mument
u jisktu l-ħsejjes tad-daqq —
le jibki l-vjolin —
u jitfu d-dwal u tinżel
id-dalma w tistrieħ
u tagħqad madwarha qatigħ …



# "IL-KANARINI FIL-GAĠĠA"

**(Nhar il-għotja tal-"Medalja Ġuże' Muscat Azzopardi").**

Fil-ġrajja tal-Akkademja tal-Malti nkitbet paġna oħra nhar is-Sibt, 12 ta' Frar 1972, meta fl-Aula Magna tal-bini storiku Belti ta' l-Università Rjali ta' Malta, l-ewwel Gvernatur Ġenerali Malti minn żmien l-Indipendenza 'l hawn, l-E.T. Sir Ant. Mamo qiegħed fuq sider il-poeti Anton Buttigieg u Karmenu Vassallo l-"Midalja Ġuże' Muscat-Azzopardi".

Mur għidlu lis-Sur Ġuże', l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum magħrufa bħala Akkademja tal-Malti! Qatt ma ħolom iż-żmien x'sejjer iġib miegħu! Kien, għalhekk, f'waqtu l-kliem tal-Avukat Anton Buttigieg meta ried ifisser qalbu lill-ġemgħa dik il-lejla: "Kemm iħarbat iż-żmien, imma kemm jaf jibni wkoll! Kemm iġib telf, imma kemm jaf iġib rebħ!" Min huwa midħla tal-ġrajjiet soċjali, politiċi, kulturali ta' Malta mis-sena 1925, is-sena li fiha Ġuże' Muscat-Azzopardi kiteb l-ewwel editorjal għal IL-MALTI, jintebaħ kemm kliem bħal dan igħodd. Għandek tgħid, kliem is-Sur Ġuże' dak in-nhar ħaddan awgurju fih: "Il-Kittieba ta' kull lewn u ta' kull bixla, merħba bihom kollha."

U ma' dawn il-Kittieba, mal-mixja tas-snin, iż-żmien għażel lil żewġ poeti, wieħed Malti, ieħor Għawdxi, ħalli x-xorti tajba tmesshom ikollhom il-ġieh tal-Midalja Ġuże' Muscat-Azzopardi. Kemm is-sur Avukat u kemm "il-Poeta", kif b'qima jsibuh is-Siġġiwin lis-Sur Karm, huma żewġ poeti li jistgħu jħarsu lura lejn is-snin u jgħidu li taw sehemhom lill-poeżija Maltija. It-tnejn għandhom il-bixra tagħhom, kemm fil-għaġna ta' ħajjithom u kemm fil-għana tagħhom. Qajla tista' tagħżel bejn żewġ mgħallmin! Għalhekk, ħaduha l-Midalja f'jum wieħed.

Dan ġara l-ewwel darba minn minndu ilha tingħata l-Midalja. In-nies, mid-deher, laqgħet bil-ferħa li għal wieħed tara żewġ poeti jifirħu b'xulxin u nies ta' rieda tajba jixtiequ juruhom qalbhom, għax l-Aula Magna mtliet b'nies ta' kull xorta u bixra. Minn Ambaxxaturi u l-Bank Ġudizjarju sa studenti u ħaddiema, minn qraba u ħbieb sa Membri tal-Parlament u mseħbin f'xirkiet letterarji … ilkoll ġew ferħu bihom it-tnejn.

Ippresieda l-E.T. Gvernatur Ġenerali Sir Anthony Mamo. Ħdejh kien hemm is-Sur Ġino Muscat Azzopardi, il-fundatur tal-premju "Midalja Ġuże' Muscat-Azzopardi", kif ukoll il-Professur Ġuże' Galea, il-President tal-Akkademja tal-Malti, u l-Professur Ġuże' Aquilina, il-Professur tal-Kattedra tal-Malti u Ilsna Semin fl-Università Rjali ta' Malta u Viċi-Rettur tagħha wkoll. Ġenb għalihom kien hemm iż-żewġ poeti.

Fetaħ iċ-ċeremonja l-President tal-Akkademja. Kliemu kien f'waqtu, għaraf jinseġ kelmtejn bil-għaqal sewwa. Fisser kif il-għoti tal-Midalja